**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD 18.4.10: IT-TIELET ĦADD TAL-GĦID.**

## JUM IL-PAPA F'PAJJIZNA

### ĦIN TAL-QUDDIES GĦAL-LUM

### 5.30a.m.; 8.00a.m. U 9.30a.m. U fil-4.30p.m.

**TRASPORT GĦALL-QUDDIESA TAL-PAPA**



Dawk li se jieħdu sehem fil-qudidesa tal-Papa f'Malta, se jkollhom trasport mill-Pjazza tal-knisja li jitlaq fis-**6.00a.m.**

**Iz-ŻGĦAŻAGĦ** li se jieħdu sehem fil-laqgħa mal-Papa wara nofs inhar jaħsbu huma għat-trasport biex imorru mal-vapur tas-**12.45p.m.** Miċ-Ċirkewwa se jkun hemm trasport provdut.

**IT-TLIETA, 20.4.10:** Illum jaħbat l-anniversarju tal-ftuh tal-Museum fil-parroċċa tagħna. Fil-quddiesa li ssir fil-għaxija niftakru fil-benefatturi tal-Museum.

**Fis-7.30p.m.** Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla li tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali

**IL-ĦAMIS, 22.4.10:** Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina, il-parroċċa tagħna se tieħu sehem f'wieħed mill-Ħamisijiet ta' San Pawl b'quddiesa fil-parroċċa tal-Munxar fis-7.00p.m.. Jieħu sehem il-kor tal-kitarri.

**IL-ĠIMGĦA, 23.4.10: PELLEGRINAĠĠ GĦAS-SANTWARJU TAL-MADONNA TA' PINU.**

Wara li l-Papa ta venerazzjoni lill-Madonna ta' Pinu u offrielha l-Warda tad-Deheb waqt il-quddiesa fuq il-fosos tal-Furjana, il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu se jerġa jin ġieb fis-Santwarju f'pellegrinaġġ immexxi mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex flimkien man-Nunzju Apostoliku. Dan il-pellegrinaġġ jintemm b'quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla għall-migja tal-Papa. Kull parroċċa se tagħti merħba lill-Madonna f'postijiet differenti. Il-Parroċċa tagħna se tilqa lill-Madonna ħdejn il-Lyceum u nakkompanjawha sa Ta' Pinu.

Ix-Xarabank titlaq mill-Parroċċa fil-**5.00p.m**.

Nistieden lil kulħadd biex jiġi jieħu sehem f'din il-qima

**IS-SIBT, 24.4.10: FIL-10.00a.m.** Se ssir attivita' għall-abbatin fis-Seminarju fl-okkażjoni ta' Jum il-Vokazzjonijiet.

**Fit-8.00p.m.** Se ssir Velja ta' Talb għall-vokazzjonijiet, fil-parroċċa tal-Fontana.

**IL-ĦADD, 25.4.10: IR-RABA ĦADD TAL-GĦID.**

## JUM IL-VOKAZZJONIJIET

Illum fil-Knisja Kattolika qed jinżamm Jum il-Vokazzjonijiet . Għalhekk, nagħmel appell biex nitolbu lill-Mulej Ġesu', ikompli jsejjaħ ħafna żgħażagħ ħalli jkomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja tal-lum.

**JUM IL-KUNGRESS TAX-XIRKA**

Illum huwa wkoll Jum il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla.

Kull nisrani huwa fid-dmir li jagħti ġieħ xieraq lill-Isem ta' Alla u tal-qaddisin. U anke li nikkumbattu il-vizzju tant ikrah tad-dagħa.

**Fil-4.30p.m.** Nitilqu mill-pjazza tal-knisja biex nieħdu sehem f'dan il-Kungress li se jsir fil-parroċċa ta' l-Għarb.

**PROGRAMM TAT-TBERIK TAL-FAMILJI.**

**It-Tnejn, 19.04.09:** Fis-2.30p.m. Triq Main minn Dun Anton Mizzi sal-familja ta' Anġlu Bajada.

**It-Tlieta, 20.04.09:** Fis-2.30p.m. L-aħħar parti ta' Main Street,Triq Bardan, Gerxija, l-10 ta' Otturbu u Pisoniano

**ĠABRA** Il-ġabra speċjali li saret nhar Ħamis ix-Xirka, kienet is-somma ta'€232